MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1393/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Natasha Balzan - I.D. 255281M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm287.35c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21666724.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fis-27 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha s-socjeta' attrici rriduciet il-kawza ghall-ammont ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm277.35c) stante pagament ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fis-16 ta' Settembru, 2005.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm277.35c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------